MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

## EMEXPAY - http://www.emexpay.com/

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") tixtieq tavża lill-pubbliku dwar entità li qed topera taħt l-isem EMEXPAY, u li għandha preżenza fuq l-Internet fuq http://www.emexpay.com/. Din l-entità qed tgħid li hija "kumpanija finanzjarja" u tipprovdi servizzi ta' ipproċessar ta' pagamenti. Il-website http://www.emexpay.com/ tindika li l-kumpanija għandha indirizz reġistrat f'Malta u numru tat-telefon Malti bħala mezz ta' kuntatt.

L-MFSA twissi lill-pubbliku, f'Malta u barra minn Malta, li l-entità msemmija hawn fuq **MHIX** kumpanija reġistrata f'Malta u **LANQAS** m'hi entità liċenzjata jew awtorizzata b'xi mod ieħor mill-MFSA bix tipprovdi xi tip ta' servizz finanzjarju.

L-MFSA tixtieq tfakkar lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex ma jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji sakemm ma jkunux aċċertaw infushom li l-entità li magħha qed isir it-transazzjoni hija awtorizzata tipprovdi dawk is-servizzi mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji ta' reputazzjoni tajba.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand l-MFSA u tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit uffiċjali tal-MFSA fuq http://www.mfsa.com.mt/pages/licenceholders.aspx.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 07-2016**
**26 ta' Settembru 2016**